32006L0009

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/9/KE

tat-23 ta' Jannar 2006

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi tar-residwi ta' diquat, iffissati fihom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti derivati mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti għall-użu fuq ħxejjex speċifiċi huma risponsabbiltà ta' l-Istati Membri. Awtorizzazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom ikunu bbażati fuq l-evalwazzjoni ta' l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-influwenza fuq l-ambjent. Elementi li jridu jitqiesu f'dawn l-evalwazzjonijiet jinkludu l-esponiment ta' l-operaturi u ta' persuni fil-qrib u l-impatt fuq l-ambjenti ta' l-art, l-ilma u l-arja, kif ukoll l-impatt fuq il-bnedmin mill-konsum ta' residwi fuq ħxejjex li jkunu ġew ittrattati.

(2) Il-livelli massimi ta' residwi (*MRLs*) jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi għall-protezzjoni effettiva tal-pjanti, li jiġu applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwu huwa l-iżgħar ammont prattikabbli u tossikoloġikament aċċettabbli, partikolarment fit-termini ta' stima ta' konsum fid-dieta.

(3) L-*MRLs* għall-pestiċidi għandhom jinżammu taħt reviżjoni. Dawn jistgħu jitbiddlu b'kunsiderazzjoni ta' użi, informazzjoni u *data* ġodda.

(4) L-*MRLs* jiġu ffissati fl-aktar limitu baxx tad-determinazzjoni analitika fejn l-użi awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx f'livelli osservabbli ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq il-prodott alimentari, jew fejn m'hemm l-ebda użi awtorizzati, jew fejn l-użi li jkunu ġew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux ġew sostnuti bid-*data* meħtieġa, jew fejn użi f'pajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi fi jew fuq prodotti alimentari li għandhom mnejn jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunux ġew sostnuti bit-tali *data* meħtieġa.

(5) Ġiet innotifikata lill-Kummissjoni informazzjoni dwar użi ġodda jew mibdula tad-*diquat* li huma koperti mid-Direttiva 90/642/KEE.

(6) L-esponiment tul il-ħajja tal-komsumaturi għal dawn il-pestiċidi permezz ta' prodotti alimentari li jista' jkun fihom ir-residwi ta' dawn il-pestiċidi, ġie assessjat u evalwat skond il-proċeduri u l-prassi użati fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji ta' gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [3]. Ġie kkalkulat li l-*MRLs* ikkonċernati ser jiżguraw li l-konsum ta' kull jum aċċettabbli ma jinqabiżx.

(7) Evalwazzjoni ta' l-informazzjoni disponibbli wriet li mhu meħtieġ l-ebda *ARfD* u għalhekk evalwazzjoni għal perjodu qasir mhijiex meħtieġa.

(8) Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffissati livelli massimi ġodda għar-residwi tad-*diquat*.

(9) L-iffissar jew il-modifikazzjoni fuq livell Komunitarju ta' *MRLs* proviżorji ma jżommx l-Istati Membri milli jistabbilixxu *MRLs* proviżorji għad-*diquat* skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u ta' l-Anness VI miegħu. Huwa meqjus li perjodu ta' żmien ta' erba' snin huwa suffiċjenti sabiex jiġu permessi aktar użi tad-*diquat*. L-*MRL* proviżorju Komunitarju għandu mbagħad isir definittiv.

(10) Id-Direttiva 90/642/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata kif jixraq.

(11) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

---

[1] ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/76/KE (ĠU L 293, tad-9.11.2005, p. 14).

[2] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/72/KE (ĠU L 279, tat-22.10.2005, p. 63).

[3] Linji ta' gwida għall-previżjoni tal-konsum fl-ikel tar-residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-Programm dwar l-Ikel/*GEMS* b'kollaborazzjoni mal-Kumitat *Codex* dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7)

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 90/642/KE hu emendat kif ġej: Fil-grupp "4. ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT", tiddaħħal "żerriegħa tal-qanneb" bejn "żerriegħa tal-qoton"u "oħrajn".

Artikolu 2

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-27 ta' lulju 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar it-23 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fil-parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE, il-kolonna tad-*diquat* tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-*MRLs*	Diquat
"1. **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriservat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież (nuts)**	0,05 (*) (P)
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU	
Grejpfrut	
Lumi	
Lajm	
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)	
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
(ii) ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (TREE NUTS) (bil-qoxra jew mingħajrha)	
Lewż	
Ġewż tal-Brażil	
Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indi	
Ġellewż	
Makadamja	
Ġwież tal-Pekan	
Ġwież ta' l-arznu (*pine nuts*)	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (POME FRUIT)	
Tuffieħ	
Langas	
Sfarġel	
Oħrajn	
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA	
Berquq	
Ċiras	
Ħawħ (inklużin-nuċiprisk u ibridi simili)	

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-*MRLs*	Diquat
Għanbaqar	
Oħrajn	
(v) *BERRIES* u FROTT ŻGĦIR	
(a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid	
Għeneb ta' l-ikel	
Għeneb ta' l-inbid	
(b) Frawli (mhux selvaġġ)	
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak selvaġġ)	
Tut	
Dewberries	
Loganberries	
Lampun	
Oħrajn	
(d) Frott żgħir u *berries* oħra (ħlief dawk selvaġġi)	
Bilberries	
Cranberries	
Passolina (ħamra, sewda u bajda)	
Gooseberries	
Oħrajn	
(e) Berries u frott żgħir salvaġġ	
(vi) DIVERSI	
Avokado	
Banana	
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumquats	
Litchis	
Mango	
Żebbuġ	
Papaja	
Passion fruit	
Ananas	
Rummien	
Oħrajn	

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-*MRLs*	Diquat
2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin**	0,05 (*) (P)
(i) ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' TUBERI JEW EGĦRUQ	
Pitrava zokkrija	
Karrotti	
Cassava	
Krafes	
Horseradish	
Artiċokks	
Zunnarija bajda	
Għeruq tat-tursin	
Ravanell	
Sassefrika	
Patata ħelwa	
Swedes	
Turnips	
Jam	
Oħrajn	
(ii) ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' BASAL	
Tewm	
Basal	
Shallots	
Basal aħdar	
Oħrajn	
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA	
(a) Solanacea	
Tadam	
Bżar	
Brunġiel	
Oħrajn	
(b) Gherq tal-qara' tal-fliexken - tal-qoxra li tittiekel	
Ħjar	
Ħjara għall-pikles	
Zukkini	
Oħrajn	

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-*MRLs*	Diquat
(c) Għerq tal-qara' tal-fliexken - tal-qoxra li ma tittikilx	
Bettieħ	
Squashes	
Dulliegħ	
Oħrajn	
(d) Qamħirrum	
(iv) ĦXEJJEX *BRASSICA*	
(a) *Brassica* li tagħmel il-fjuri	
Brokkli (inkluża l-*Calabrese*)	
Pastard	
Oħrajn	
(b) *Brassica* bir-ras	
Kaboċċi ta' Brussel	
Kaboċċi tar-ras	
Oħrajn	
(c) *Brassica* bil-weraq	
Kaboċċi taċ-Ċina	
Kale	
Oħrajn	
(d) Ġdur	
(v) ĦXEJJEX LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦĦOM & ĦAXIX AROMATIKU FRISK	
(a) Ħass u simili	
Krexxuni	
Ħass tal-ħaruf	
Ħass	
Scarole (endive tal-werqa wiesa)	
Oħrajn	
(b) Spinaċi u simili	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi (*chard*)	
Oħrajn	
(c) Krexxuni ta' l-ilma	
(d) Witloof	

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-*MRLs*	Diquat
(e) Ħxejjex aromatiċi	
Maxxita	
Kurrat salvaġġ	
Tursin	
Weraq tal-karfus	
Oħrajn	
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)	
Fażola (bil-miżwed)	
Fażola (mingħajr miżwed)	
Fażola (bil-miżwed)	
Piżelli(mingħajr miżwed)	
Oħrajn	
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	
Asparagu	
Kardun	
Karfus	
Bużbież	
Qaqoċċ	
Kurrat	
Rabarbru	
Oħrajn	
(viii) FAQQIEGĦ	
(a) Faqqiegħ ikkoltivat	
(b) Faqqiegħ selvaġġ	
3. **ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN**	0,2 (P)
Fażola	
Għazz	
Piżelli	
Oħrajn	
4. **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻJUT**	
Żerriegħa tal-kittien	5 (P)
Karawett	0,1 (*) (P)
Żerriegħa tal-peprin	0,1 (*) (P)

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-*MRLs*	Diquat
Ġulġlien	0,1 (*) (P)
Żerriegħa tal-ġirasol	1 (P)
Żerriegħa tal-lift	2 (P)
Żerriegħa tas-soja	0,2 (P)
Żerriegħa tal-mustarda	0,5 (P)
Żerriegħa tal-qoton	0,1 (*) (P)
Żerriegħa tal-qanneb	0,5 (P)
Oħrajn	0,1 (*) (P)
5. **PATATA**	0,05 (*) (P)
Patata bikrija	
Patata *Ware*	
6. **TÈ (weraq imnixxef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, *Camellia sinensis*)**	0,1 (*) (P)
7. **ĦOPS (imnixxef), inkluż ħbub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat**	0,1 (*) (P)

(*) tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika

(P) tindika li l-livell massimu ta' residwu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."